# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.6

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Lezzjoni: 1.7. Alla tana l-kuluri

L-Għanijiet:



L-istudenti:

1. Jagħrfu li Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha b'kuluri sbieħ.
2. Jieħdu gost bl-ilwien fin-natura.
3. Jaraw l-importanza tad-dawl u li bis-saħħa tiegħu naraw il-kuluri sbieħ li ħalaq Alla.

Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:



- Bibbja għat-Tfal
- stampi ikkuluriti tan-natura (ppt 1.7 - Alla tana l-kuluri)
- vidjow: *The Colours Song* http://www.youtube.com/watch?v=xPWZu4LDmQM
- Il-*Karta ta' Taħriġ* 1.4

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar **l-istorja tal-ħolqien** (ara lezzjonijiet ta' qabel - tista' tuża Bibbja għat-tfal u vidjo).
- Spjega kif l-ewwel ħaġa li ħalaq Alla kien id-dawl, imbagħad l-art u baħar, wara jiġu l-annimali u fl-aħħar in-nies. Għid lit-tfal biex isemmu xi affarijiet li ħalaq Alla. Uża l-istampi tal-lezzjoni ta' qabel biex it-tfal isibu dawk l-affarijiet li huma parti mill-ħolqien ta' Alla.



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**



- **Id-dawl:** Staqsi lit-tfal biex jagħlqu għajnejhom, imbagħad għidilhom biex jiftħuhom u staqsihom x'raw. Meta t-tfal jesperjenzaw id-dlam, ikunu jistgħu jagħtu l-ideat tagħhom dwar l-importanza tad-dawl - bid-dawl jistgħu jaraw sew, jaraw il-kuluri, jaraw is-siġar jiċċaqalqu, l-għasafar itiru, il-fjuri jikbru, eċċ. Għidilhom li għandhom jirringrazzjaw lil Alla tad-dawl li tagħhom.
- **Iffoka fuq il-kuluri sbieħ li għandhom l-affarijiet.** Uri stampi ta' xenarji bil-fjuri, bil-baħar, bil-ħaxix, eċċ u staqsi lit-tfal x'kuluri qed jaraw (ppt 1.6 'Alla tana l-kuluri' l-ewwel parti). Imbagħad semmi l-kuluri u t-tfal jgħidu l-affarijiet li huma ta' dak il-kulur partikolari, eż: 'X'hemm ta' kulur blu?': baħar, sema, eċċ. Irrepeti għal kuluri oħrajn billi tuża ppt 1.6 'Alla tana l-kuluri' (it-tieni parti).

❖ Tkellem mat-tfal dwar is-sbuħija tal-ħolqien permezz tal-kuluri sbieħ li naraw madwarna. Staqsi:

- Kieku fjura kienet sewda, kienet tkun sabiħa?
- Kieku l-baħar kien iswed, kien ikun sabiħ?
- Kieku kollox kien aħmar eż. il-fjuri, is-siġar, il-baħar, eċċ, kieku d-dinja kienet tkun sabiħa?
- Għaliex sabiħa l-qawsalla? (mimlija kuluri)
- Għaliex sabiħa s-sema? (għandha kuluri differenti skont il-ħinijiet... xemx, sħab, qamar u stilel)

Aħdem *Karta ta' taħriġ* 1.4

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha b'ħafna kuluri.
2. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u iħobbna.
3. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla talli tana kuluri sbieħ madwarna.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Niftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Huwa ħalaq id-dinja b'kuluri differenti għaliex iħobbna. Għalhekk irridu nieħdu ħsiebha sewwa.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uri vidjow *The Colours Song*
http://www.youtube.com/watch?v=xPWZu4LDmQM
fejn temfasizza li Alla ħalaq id-dinja li hawn madwarna u għamilhom sabiħa bil-kuluri differenti tagħha u ta' dan għandna nirringrazzjawH.



**Nitolbu**



Grazzi Alla talli ħlaqt id-dinja.
Grazzi talli tajtna d-dawl biex naraw il-kuluri sbieħ.
Grazzi talli għamiltha sabiħa!